# GRAFFIT TA' MIRKEB TAL-BAĦAR F'PALAZZO PALINA
## TA' ĊENĊ - SANNAT

minn Joseph Muscat



Dan l-aħħar ġie skopert graffit ta' mirkeb tal-baħar fis-sala ewlenija tal-pjan terren ta' Palazzo Palina f'Ta' Ċenċ. Il-graffit jinsab sewwasew fuq ix-xellug ħdejn tieqa kbira i tħares lejn il-Lvant u huwa mifrux fuq sitt kantuni: tlieta fir-raba' filata u tlieta fil-ħames filata, dejjem mill-art. Is-Sur u s-Sinjura Victor J. Borg u s-Sur Saviour Cremona, diretturi tal-Kumpanija Real Rinanz Ltd li topera l-lukanda Ta' Ċenċ flimkien ma' Palazzo Palina, ġentilment taw il-permess u kull għajnuna meħtieġa biex setgħu jsiru d-dokumentazzjoni u l-istudju tal-graffit.

Għalkemm forsi sofriet minn xi ftit tindif żejjed b'mod speċjali qrib il-fili tal-kantuni, ir-rappreżentazzjoni tal-mirkeb tidher sewwa. Infatti wieħed jista' jara graffit ta' bastiment li minħabba d-daqs tiegħu jista' jitqiegħed f'kategorija għalih. Instabu xi oħrajn ta' dak id-daqs bħal, ngħidu aħna wieħed jinsab fuq il-ħajt tal-faċċata tal-kappella ta' San Pawl Nawfragu, f'Wied il-Qliegħa limiti tal-Mosta, ieħor fil-palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu, u ieħor ma' ħajt ta' Bieb is-Sinjur bejn il-Birgu u Ħaż-Żabbar. Ta' min jieħu dan id-daqs inkonsierazzjoni billi, normalment. graffit ta' mirkeb (tal-baħar) wieħed isibu fuq faċċata ta' kantun wieħed.




Hu xi ftit diffiċli tgħid x'rabta seta' kien hemm bejn dan il-graffit ta' biċċa tal-baħar u l-palazzin fejn jinsab. Jista' jkun li l-palazzin nbena fi żmien il-Granmastru Ramon Perellos (1697-1720) li tiegħu hemm arma mnaqqxa fil-ġebel misjuba fil-ġonna tal-palazzin u llum tinsab ippreservata fl-istess sala fejn jinsab il-graffit. Jidher li, oriġinarjament, din is-sala setgħet kienet tintuża bħala stalla għaż-żwiemel billi hi mdawwra b'numru ta'



msatar uminħabba li l-art iċċangata tagħha tagħmilha diffiċli li wieħed jimmaġina li setgħet kienet maqjel għal bhejjem oħra (jekk mhux fi żminijiet posterjuri). Min-naħa l-oħra, wieħed irid jieħu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-bini jidher li kien jappartjeni lil xi ħadd importanti u ta' klassi għolja u għalhekk, il-graffit aktarx li sar minn xi ħadd li b'xi mod kien konness mal-palazzin u li forsi wkoll xi darba kellu x'jaqsam mal-baħar.

Peress li l-graffit fis-sala fejn jinsab hu wieħed isolat, iġiegħlek taħseb li sar minn min forsi ma' kellux x'jagħmel aħjar u li l-post ma' kienx wieħed pubbliku fejn wieħed soltu jsib numru ta' graffiti flimkien. Madankollu, jibqa' l-fatt lil-graffit hu wieħed ġenwin, aktarx tatmiem tas-seklu sbatax jew forsi tal-bidu tas-seklu tmintax, u għalkemm ir-rappreżentazzjoni hija ndefinibbli, xorta waħda turi l-ħsieb ta' min għamlu li ried iħalli għamla ta' bastiment ta' qlugħ kwadri.

Il-buk hu twil, xi ftit baxx ma' l-ilma, bi pruwa mgħammru bil-pupress xi ftit mgħawweġ u bil-poppa qisha waħda ta' bastiment modern iżda ma' jidhirx it-tmun. Il-buk juri linja t-tul kollu tiegħu li forsi tindika lil-mirkeb kellu gverta qrib l-ilma barra dik ta' fuqha. Mal buk, u sewwasew ftit 'il quddiem mill-arblu tal-majjistra jidhru xi sinjali bla ebda tifsira raġonevoli. Hemm ukoll xi marki qrib il-pruwa iżda ma jiftehmux.

Jidhru żewġt iqlugħ kwadri fuq l-arblu tal-majjistra u forsi kien hemm tnejn oħra fuq dak tal-mezzana. Billi ż-żewġ kantuni ta' qrib il-pruwa tal-mirkeb inbarxu sewwa bl-għodda waqt it-tindif, jidher ċar li ntilfu xi dettalji tal-attrazzatura tal-arblu tat-trinett. Iżda hemm ħjiel ta' żewġ stralji li mill-pupress jitilgħu għal mat-trinkett. Il-linji żgħar li jidhru f'għamla ta' V oriżżontali mat-trinkett m'hemmx tifsira ghalihom. Ma' jidher l-ebda sinjal ta' xi bandiera ma l-arbli.

Għalkemm dan il-graffit m'huwiex xi wieħed li juri xi dettalji partikulari, xorta waħda juri x-xewqa ta' min għamlu li jħalli tifkirietu mal-ħajt tal-palazzinb. U hawn ta' min itenni l-mistoqsija li saret kemm-il darba, jiġifieri għaliex tfittex fejn tfittex biex issib il-graffiti fil-gżejjer Maltin kważi dejjem għandke tiltaqa' ma rappreżentazzjonijiet ta' bċejjeċ tal-baħar.